MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2013

Avviz Numru. 222/2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent Dottor Raphel Fenech Adami fil-5 ta' Awwissu 2013, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmijin, talab lil din il-Qorti tiddikjara nulla u bla effett l-esekuzzjoni tal-Ittra Ufficcjali Ezekuttiva fuq imsemmija mahruga kontra tieghu mis-socjeta' intimata GO p.l.c..

Rat li s-socjeta' intimata ma ipprezentatx risposta ghal dan ir-rikors.

Rat id-dokument u l-atti kollha ta' dan ir-rikors, inkluz l-atti tal-ittra ufficjali ezekuttiva 371/13 fl-ismijiet "GO p.l.c. v. Raphael Fenech Adami", semghet ix-xhieda;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrenti Dottor Raphael Fenech Adami qieghed jitlob li l-ezekuzzjoni ta' l-ittra ufficjali numru 371/13 mahruga kontra tieghu mis-socjeta' intimata GO p.l.c., u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-ragunijiet li fuqhom ir-rikorrent qieghed jibbaza it-talba tieghu huma:

1. li r-rikorrent kien ipprezenta fir-Registru tal-Qorti, nota ai termini tal-Artikolu 166A biex jikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta' GO p.l.c.
2. li qabel il-prezentata tal-ittra in kwistjoni, kienu gew skambjati diversi korrispondenza u diskussjonijiet bejn il-partijiet fejn hu kkontesta l-pretensjonijiet dedotti kontra tieghu mis-socjeta' intimata, u ghal din ir-raguni, d-dikjarazzjoni fil-precitata ittra li l-ammont hu cert, likwidu u dovut, hi ghal kollox skorretta.
3. illi l-ittra in kwistjoni ma tikkontjeniex dikjarazzjoni bil-gurament kif jesigi l-Artikolu 166A stess, oltre nuqqasijiet ohra kif stipulati fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 166A.

Il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra r-ragunijiet li abbazi taghhom ir-rikorrenti Dottor Fenech Adami qieghed jissottometti li l-ezekuzzjoni tal-ittra ufficjali tigi dikjarata nulla.

L-ewwel raguni hija illi li r-rikorrent kien ipprezenta fir-Registru tal-Qorti, nota ai termini tal-Artikolu 166A biex jikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta' GO p.l.c. Mar-rikors tieghu, huwa annetta kopja nformali ta' din in-nota li allegatament giet ipprezentata fir-Registru, u fis-seduta quddiem il-Qorti huwa ikkonferma dan bil-gurament. Pero quddiem din il-Qorti, ir-rikorrenti ammetta li hu kien semplicement pogga n-nota fit-tray tar-Registru u ma kienx segwa r-registrazzjoni taghha. Huwa ammetta wkoll li fir-registri tal-Qorti ma kien hemm l-ebda tracca ta' din in-nota, u fil-fatt ma pproduca l-ebda prova li din in-nota giet b'xi mod effettivament registrata minn xi ufficjal tal-Qorti.

Ghaldaqstant, fl-ahjar ipotesi ghar-rikorrenti tezisti prova li hu kellu intenzjoni jikkontesta l-ittra ufficcjali. Pero dan mhux bizzejjed biex jigi sodisfatt il-vot preskritt fl-Artikolu

166A(3) u cioe li d-debitur irid *"jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba".* Mill-provi ma' jirrizultax li n-nota li r-rikorrenti jghid li pogga fit-tray tar-Registru giet prezentata b'tali mod li setghet tigi debitament registrata fl-atti ta' l-ittra ufficjali. Kien id-dover tar-rikorrent li jiehu hsieb jara li dik in-nota tigi effettivament registrata – haga li huwa ma' ghamilx fit-tletin (30) jum moghti lilu bil-ligi biex jipprezenta n-nota. Konsegwentement, din il-Qorti tikkonkludi li l-ebda nota tar-rikorrenti ma giet registrata fi zmien tletin (30) jum fl-atti ta' l-ittra ufficjali, u ghalhekk qed tirrispingi din l-ewwel raguni ghaliex ir-rikorrent qed jissottometti li l-ezekuzzjoni ta' din l-ittra ufficjali ghandha tigi annullata.

It-tieni raguni sottomessa mir-rikorrenti ghall-annullament tal-ittra ufficjali hija li li qabel il-prezentata tal-ittra in kwistjoni, kienu gew skambjati diversi korrispondenza u diskussjonijiet bejn il-partijiet fejn hu kkontesta l-pretensjonijiet dedotti kontra tieghu mis-socjeta intimata, u ghal din ir-raguni, skond hu, d-dikjarazzjoni fil-precitata ittra li l-ammont hu cert, likwidu u dovut, hi ghal kollox skorretta. Fis-seduta tad-19 ta' Awwissu 2013 gie registrat is-segwenti verbal: *"Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' intimata taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent li qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kien hemm diversi korrispondenza bejn il-partijiet, inkluz risposta ghal ittra ufficjali "normali" precedenti, fejn ir-rikorrenti indika li kien qed jikkontesta l-pretensjonijiet tas-socjeta GO p.l.c."*

Wiehed irid jiftakar li permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi introduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Ghaldaqstant, fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel

kawza. Madanakollu l-htiega li d-dikjarazzjoni guramentata tal-kreditur li d-dejn hu *“cert likwidu u li ghalaq”* hi mehtiega *ad validitatem* u, jekk kemm-il darba jirrizulta li din id-dikjarazzjoni mhix veritiera, s-sanzjoni hi n-nullità ta’ l-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A.

Issa fil-kaz odjern, huwa pacifiku bejn il-partijiet, li qabel l-intavolar tal-procedura specjali ta’ l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A, ir-rikorrent kien, tajjeb jew hazin, qed jikkontesta l-pretensjonijiet tas-socjeta’ intimata. Ghaldaqstant, f’dawn ic-cirkostanzi, is-socjeta’ intimata ma setghetx tiddikjara bil-gurament li d-dejn minnha pretiz kien cert, likwidu u dovut. Dan jaghti lok ghall-annullament tal-ittra ufficjali inkwistjoni.

In vista ta’ din il-konkluzjoni tal-Qorti, ma hemmx raguni ghalfejn din il-Qorti ghandha tinoltra ruhha fit-tielet raguni sottomessa mir-rikorrent ghaliex skond hu l-ittra ufficjali ghandha tigi annullata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ismijiet *“Go p.l.c. v. Raphael Fenech Adami”*, bin-numru 371/13.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------